SANTA LUĊIJA

# LAQGĦA TAL-LOKALITA` - 2011

**DATA: Is-Sibt, 29 ta' Jannar 2011** **ĦIN: 9.15a.m.**

Il-Laqgħa tal-Lokalita` saret fil-*basement* tal-Knisja Parrokjali.

Attendew għal-Laqgħa: Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan, il-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`, is-Segretarja Eżekuttiva Caroline Silvio u l-Uffiċċjal Eżekuttiv Claudia Costantino flimkien ma' numru ta' residenti.

## 1. MERĦBA MIS-SINDKU

Is-Sindku, filwaqt li sellem lil dawk preżenti u tagħhom merħba, stqarr li din il-laqgħa pubblika kienet qed issir kif provdut fl-Att tal-Kunsilli Lokali.

## 2. RAPPORT AMMINISTRATTIV

Is-Sindku għadda biex qara u spjega r-rapport amministrattiv li ġie ppreparat mis-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010. Fost l-aktar affarijiet importanti li ssemmew insibu:

- Proġetti tal-Kunsill
- Bankini u Toroq
- Traffiku
- Ġonna Pubbliċi
- Għamar tat-Toroq
- Servizz ta' Ġbir ta' Skart
- Attivitajiet tal-Kunsill indirizzati lejn il-Komunita'

Kopja ta' dan ir-rapport qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

## 3. PJAN TA' ĦIDMA GĦAS-SENA 2011

Is-Sindku qara pjan ta' ħidma li l-Kunsill għandu għas-sena 2011. Huwa spjega fid-dettall il-punti kollha li hemm imsemmija f'dan ir-rapport li kopja tiegħu qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti. Fost dawn insibu:

- Allokazzjoni Finanzjarja
- *Resurfacing* ta' Toroq
- Skemi ta' l-Awtorita' tad-Djar
- Proġetti
- Impenn lejn il-Komunita'.

**Nota: Waqt il-qari tar-Rapport Amministrattiv u l-Pjan ta' Ħidma ittellgħat *power point presentation* tal-punti prinċipali ta' dawn iż-żewġ r-rapporti.**

.

## 4. KUMMENTI U SUĠĠERIMENTI TAR-RESIDENTI

### 4.1 Is-Sur Siro Camilleri

Is-Sur Camilleri irringrazzja lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-koperazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tal-Kunsill li jorganizza. Is-Sur Camilleri rrefera għan-nomina ta' Anne Marie Agius għal konkors 'Żgħażugħ/a tas-Sena 2010'. Huwa qal li l-fatt li din kienet fost il-finalisti ma kinitx ċajta. Huwa qal li ħassu emozzjonat il-bieraħ, 28 ta' Jannar 2011 meta nqara l-profil tagħha waqt l-attivita' li saret mill-Fondazzjoni Oasi fejn tħabbar ir-rebbieħ għal dan il-konkors. Is-Sur Camilleri qal li jħoss li din iż-żgħażugħa, bl-impenn volontarju tagħha, hija ta' nifs għalina l-kbar fil-ħajja ta' kuljum. Huwa qal li ta' min jinnota li ż-żgħażagħ li bħal Anne Marie jagħtu s-servizz tagħhom u joffru t-talent tagħhom fl-attivitajiet tal-Kunsill, dan jagħmluh mingħajr ħlas u b'sagrifiċċji personali. Is-Sur Camilleri ppropona li dawk l-avviżi kollha li jidhru fuq in-*notice boards* tal-Kunsill jintbagħtu wkoll lir-residenti.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku ingħaqad mas-Sur Camilleri u feraħ lil Anne Marie Agius li kienet waħda mill-finalisti fil-konkors 'Żgħażugħ/a tas-Sena 2010'. Huwa qal li kultant tisma b'xi żgħażagħ li jagħmlu l-vandaliżmu iżda dawn huma l-ftit. Is-Sindku qal li f'Santa Luċija hawn ħafna żgħażagħ tajba u li għandhom talent x'joffru u l-Kunsill dejjem lest li jgħati l-appoġġ tiegħu lil dawn iż-żgħażagħ billi jgħinhom, jinkurraġihom u jorganizza attivitajiet fejn dawn jistgħu juru t-talenti tagħhom.

### 4.2 Is-Sur Mannie Scicluna

Is-Sur Scicluna tkellem dwar l-i*skips* li saru għal tal-ħwienet u staqsa kull meta qed jiġu mbagħttla. Huwa qal li ħdejn dawn l-i*skips* qed ikun hemm ħafna kaxxi tal-kartun, għalhekk ippropona li dawn jitbagħttlu aktar ta' spiss. Is-Sur Scicluna semma wkoll siġar fil-parapetti tan-nies li jesporġu fuq il-bankina u jostakolaw il-passaġġ. Huwa rrefera għal siġra partikolari f'Dawret it-Torri li ħdejha hemm ukoll *pots* li għamel il-Kunsill u li qed jostakolaw il-bankina. Is-Sur Scicluna semma wkoll il-bżonn ta' *patching* fi Triq Ħelen Buhagiar, Triq Ġuljetta Lopez u Triq iż-Żnuber. Dwar in-numru ta' siġar taż-żebbuġ li hawn f'Santa Luċija, is-Sur Scicluna ppropona li ssir xi attivita' fejn jinġabar dan iż-żebbuġ u jinstab xi ħadd li jagħsru u kull min jipparteċipa jingħata flixkun żejt taż-żebbuġa.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn stess ser ikellem lis-sid tad-dar f'Dawret it-Torri dwar il-bżonn li tinżabar is-siġra li għandu fil-parapett. Huwa qal li l-idea tal-ġbir taż-żebbuġ hija nteressanti u tista' ssir attivita' kif qed jipproponi s-Sur Scicluna.

### 4.3 Is-Sur Lawence Ciantar

Is-Sur Ciantar irringrazzja l-Kunsill u l-istaff tiegħu. Fil-kummenti tiegħu s-Sur Ciantar qal li jħoss li m'hemmx komunikazzjoni biżżejjed. Huwa qal li hemm bżonn li noħolqu attivita' għal komunita' fejn isir aktar *social contact*. Huwa ppropona li jsiru *talks* darba fix-xahar fejn ir-residenti jiltaqgħu u jieħdu café flimkien. Dwar proposta ta' proġetti huwa qal li għandu jkun hemm kumitat, *Projects Committee* li jipprepara l-proġetti fid-dettal u jressaqhom lil Kunsill. Huwa kompla jgħid li hu ma jistgħax jipproponi li jsiru proġetti jekk ma jkunx jafx x'finanzi għandu l-Kunsill. Is-sur Ciantar qal li jekk kull min jattendi l-laqgħa tal-lokalita' jingħata kopja tar-rapport amministrattiv u tal-pjan ta' ħidma jkun jista' jsegwi aħjar dak li jkun qed jaqra s-Sindku.

***Twegiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li l-allokazzjoni li jirċievi l-Kunsill tkopri l-funzjonjiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltajiet tal-Kunsill. Huwa qal li ħafna drabi l-Kunsill ikollu japplika għal fondi taħt skemi tal-Gvern u ta' l-Unjoni Ewropea biex jinġiebu fondi għal proġetti tiegħu. Huwa qal li huwa l-Kunsill li jidentifika l-proġetti skond il-proposti li jagħmlu r-residenti. Is-Sindku qal li l-Kunsill jisma' lil kulħadd u qatt ma żamm lil ħadd milli jressaq il-proposti tiegħu. Il-preparazzoni u d-dettalji ta' dawn il-proġetti jitlestew mill-Kunsill biex b'hekk ikun ippreparat tajjeb meta joħorgu l-iskemi għal fondi. Huwa ta' eżempju tal-iskema ta' l-Awtorita' tad-Djar fejn f'inqas minn xahar il-Kunsill kellu jissottometti l-proposta tiegħu. Fir-rigward ta' l-attivitajiet soċjali s-Sindku qal li l-Kunsilliera jorganizzaw ħafna attivitajiet kważi waħda kull xahar u jkun hemm parteċipazzjoni tajba ħafna mir-residenti li jmorru u jieħdu pjaċir. Huwa qal li nhar it-Tnejn dan ir-rapport amministrattiv u l-pjan ta' ħidma ser ikunu fuq il-*website* tal-Kunsill u jintbagħt fuq l-*emails* ta' dawk ir-residenti li qegħdin fuq id-*database* tal-Kunsill.

### 4.4 Is-Sinjura Fenech Gonzi

Is-Sinjura Fenech Gonzi ferħet lil Kunsill dwar l-indafa u t-tisbieħ li hawn fil-lokalita'. Hija ppproponiet lil Kunsill jikkunsidra li ssir Triq il-Ġiżimin peress li tinsab fi stat ħażin. Is-Sinjura Fenech Gonzi tkellmet dwar il-problema tal-*lifts* fil-*flats* tal-Gvern u qalet li fejn toqgħod hi mhux possibbli li jiġi nstallat *lift*, biss staqsiet jekk minflok jistgħax isir *stairlift*.

***Twegiba tas-Sindku***

Is-Sindku ta spjegazzjoni tal-proċess biex wieħed japplika għal *lift* fil-*blocks* tal-Gvern u ta eżempju ta' Blokk 11. Huwa qal li kien ser jikteb lil Awtorita' tad-Djar dwar il-proposta ta' din is-Sinjura.

### 4.5 Is-Sur Carmel Schembri

Is-Sur Schembri rrefera għal protesta li kienet saret mill-Kunsill fil-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill *roundabout* u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp min-naħa ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport f'dan ir-rigward. Huwa qal li fl-opinjoni tiegħu jrid isir ħruġ minn fejn hemm il-*pellican lights* fi Triq tal-Barrani. Huwa tkellem ukoll fuq Triq iż-Żafran u staqsa għala din għada ma saritx.

***Tweġiba tas-Sindku***

Dwar il-ħruġ għal fuq Xintill *roundabout* is-Sindku qal li l-Awtorita' tat-Trasport trid li dan il-ħruġ jingħalaq. Huwa qal li l-Kunsill dan l-aħħar ippropona li l-ħruġ għal fuq Xintill *roundabout* isir dħul, filwaqt li d-dħul minn Luqa *Bye-Pass* isir ħruġ u fi Triq Katerina Vitale jibqa' ħruġ u dħul. Is-Sindku qal li m'hemmx soluzzjoni oħra ħlief li forsi xi darba ssir *fly-over*. Fir-rigward ta' Triq iż-Żafran is-Sindku qal li ser issir fil-ġranet li ġejjin.

## 5. KUMMENTI MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**5.1** Il-Kunsillier Joseph Bonello semma l-kummenti li saru waqt din il-laqgħa, dwar kemm hi nadifa l-lokalita' ta' Santa Luċija u qal li l-weġgħa tiegħu hi li għadu jara residenti li joħroġu l-iskart x'ħin iridu. Huwa saħaq dwar il-bżonn ta' aktar koperazzjoni mir-residenti f'dan ir-rigward.

**5.2** Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li xtaqet tkompli fuq dak li kien għadu kif ikkummenta l-Kunsillier Bonello u tkelmet dwar l-i*stray dogs*. Hija qalet li hawn residenti li jitimgħu lil dawn l-annimali billi joħorġu l-ikel fuq il-bankini. Hija qalet li dawn qed iħammġu u jġibu aktar klieb li jiġġerrew barra u anki ġrieden. Il-Kunsilliera Galea qalet li l-Kunsill qed jaħdem fuq proġetti li minnhom jibbenefikaw ir-residenti bħal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku u l-librerija pubblika.

**5.3** Il-Kunsilliera Paulette Gafa` ikkummentat fuq in-numru żgħir ta' nies li attendew għal din il-laqgħa u qalet li hemm bżonn aktar koperazzjoni mir-residenti.

**5.4** Il-Viċi Sindku, is-Sur Joseph Balzan qal li veru li kultant idumu biex isiru l-affarijiet iżda wieħed irid jifhem li hemm ħafna burokrazija. Huwa semma l-każ tas-siġar li nqalgħu mill-Bicycle Track u qal li għalkemm is-Segretarja kitbet lid-Dipartiment ikkonċernat biex jitneħħew l-i*stumps* dawn baqgħu ma ġewx u kellu jsir rapport lil pulizija biex jiġu. Huwa awgura s-sena tajba lil kulħadd.

**5.5** Is-Sindku, is-Sur Frederick Cutajar kompla fuq il-każ tat-tneħħija ta' siġar ta' l-ewkaliptus minn madwar il-*ground* tal-*football* u qal li dawn is-siġar tneħħew għax huma ta' ħsara għal siġar oħrajn għax jassorbu l-ilma kollu. Huwa qal li minflokhom ser jinżergħu siġar oħra endemiċi bħal siġar taż-Żebbuġ u ta' l-Għorgħar. Is-Sindku kompla jgħid ukoll li kien ikollu ħafna lmenti minn residenti anzjani li joqgħodu fl-appartamenti li jagħtu għal Triq il-Begonja li ma setgħu jaraw xejn minħabba dawn is-siġar. Is-Sindku semma l-*ground* tal-*football* li ġie inawgurat dan l-aħħar u qal li kien hawn xi xniegħat li ser isir *stadium,* iżda l-Kunsill m'għandu l-ebda informazzjoni dwar dan. Huwa kompla dwar l-inawgurazzjoni tal-*football ground* u qal li hu m' attendiex għal din l-attivita' bi protesta għax il-Kunsill ma ġiex mistieden kollu għal din l-okkażjoni. Huwa qal li l-Kunsill ma jistgħax jitqies bħala kumitat iżda l-Kunsill huwa Gvern Lokali b'membri eletti mill-poplu u mhux maħtura minn xi ħadd.

Is-Sindku għalaq il-laqgħa billi rringrazzja l-Kappillan tal-koperazzjoni tiegħu.

## 6. TMIEM

Il-laqgħa ntemmet fil-11.30a.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum is-Sibt, 5 ta' Frar 2011**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**